**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 146/97

Joseph Muscat

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 23 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta li bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 huwa sofra ingustizzja f'li trasferiment politiku u vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa kien dahal fil-Korp tal-Pulizija fin-1983 wara li kien serva ghal madwar sena u seba' xhur fil-Korp tad-Dejma jaghmel xoghol

ta' Pulizija. Fil-bidu ta' l-impieg tieghu huwa kien gie stazzjonat fil-Personnel Section wara li ghamel kors ta' tlett dwar il-ligijiet u policies tal-Pulizija. Wara seba' xhur gie rakkomandat ghad-Dipartiment tal-Fingerprints u hemmhekk specjalizza fuq dan ix-xoghol. Huwa kien tela' jixhed fil-Guri ta' Martin Gaffarena dwar tqeghid ta' splussiv. Gurnata wara li spicca dan il-guri huwa gie nfurmat li gie trasferit ghal Tas-Sliema wara li dak in-nhar saret tfittxija fil-files personali tieghu u fil-locker huwa hassu umiljat b'dan l-agir ghax huwa dejjem ghamel xogholu b'kull responsabbilita' u qatt ma kellu charges kontra tieghu. Ghadaqstant jikkonkludi li dan it-transfer sar b'mottiv politiku.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment politiku tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi kien hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja billi jigi kumpensat jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi l-fatti kif allegati huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante:

a) li t-trasferiment sar skond l-esigenza tas-servizz u skond il-kundizzjonijiet tax-xoghol li taghhom ir-rikorrent huwa suggett liema kundizzjonijiet jikkomprendu mobilita' fis-servizz.

b) Illi r-rikorrenti mhux qed jallega li sofra ebda danni permezz ta' dan it-trasferiment.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent xehed li dwar il-kaz qatt ma mar quddiem il-Public Service Commission jew l-Employment Commission. Fl-affidavit semma li kien gie trasferit mal-Finger Prints Department fl-1984 u

ghamel hafna field work mal-PS621 Pierre Calleja fosthom li gabru l-prints kollha biex jigu kompjuterizzati.

Fil-21 ta' Jannar 1990 l-ghada li spicca l-guri ta' Martin Gaffarena, li fih kien xehed gie trasferit fis-sitt distrett u dan swielu ta' telf ta' **allowance** ta' Lm45 fix-xahar u hlas ta' petrol u spejjes ohra. Sostna wkoll li l-esperjenza u tahrig li kellu ghall-finger-print department gie kollu mohli.

In kontro ezami qal li kien espert tal-marki tas-swaba pero` fil-kaz ta` Gaffarena kien hemm is-Surgent 210 Tarcisio Vella li kien ta` fuqu u fil-fatt hu kien qallu biex ix-xoghol jaghmlu hu ghalkemm l-inkarigu mill-magistrat kien qieghed fuqu. Hu "kien iffirma wkoll pero` jiena kelli niffirma li ghamilt ix-xoghol. Ghandi nghid li fil-fatt jiena kont ghamilt il-lifters pero` jiena kont ghadni gdid fuq ix-xoghol u kien gie Tarcisio Vella u lili kien qalli "peress li ghadek gdid ha nghinek jiena". Jiena kont xehedt fil-guri. Kienet saret anke inkjesta interna tal-pulizija. Ghandi nghid li dina l-inkjesta kienet immexxija mill-ex Kummissarju Alfrred Calleja u l-ex deputat kummissarju Mifsud Tommasi."

l-Ispettur Peter Paul Zammit xehed li r-rikorrent kien jahdem tahtu fis-sezzjoni tal-forensika. Ma kellux raguni ghala jitlob transfer tar-rikorrent. Qal: "In-natura tax-xoghol li kien jaghmel, ix-xoghol tieghu dejjem ghamlu mill-ewwel u ghamlu sew u kif suppost pero` jekk marx korsijiet jew le jiena ma nistax nghid minhabba l-fatt li dak jekk mar kien qabel zmieni…Fil-kaz ta` Martin Gaffarena ma kontx involut la bhala investigazzjoni u

anqas fix-xoghol forensiku. Kont biss involut fis-sens li nara li x-xoghol isir. Ir-rikorrent kien involut bhala fingerprints officer nominat mill-Magistrat Inkwirenti. L-ezitu tal-guri kien pubblikat li fil-fatt Martin Gaffarena kien liberat."

Is-surgent Joseph Mallia semma li jaf lir-rikorrent bhala kollega meta kien il-fingerprints unit. Semma li hu kien surgent u r-rikorrent kuntistabbli. Kien ikun nominat mill-Qorti biex jirrelata dwar scene of crimes. Wara li kien gie deciz il-kaz ta` Martin Gaffarena is-Sur Muscat kien gie trasferit.

Is-Suprintendent Kelly esebixxa kopja tax-xhieda ta` Joseph Muscat PC 948 flimkien ma` Tarcisio Vella liema xhieda kienet moghtija fil-guri Ir-Repubblika ta` Malta vs Martin Gaffarena. Qal li mill-file ma jirrizultalix ghaliex sar it-transfer tar-rikorrent. Hu qala transfer wara li gie terminat il-guri. Semma li kienet saret speci ta' investigazzjoni u rapport minn dak iz-zmien Deputat Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi u l-Kummissarju Alfred Calleja. Id-data tas-sentenza kienet 23 ta` Jannar 1990 moghtija mill-Imhallef Prof. Dr. Wallace Gulia, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta` Malta kontra Martin Gaffarena fejn l-Imhallef illibera lil Martin Gaffarena mit-tliet kapi ta` akkuza li kellu. Dan wara li l-gurija kienet sabet lil-Martin Gaffarena mhux hati. B`effett mis-26 ta` Jannar, jigifieri xi tlett ijiem wara, il-Kummissarju ttrasferixxa lil Joseph Muscat PC948 mis-sezzjoni tal-Forensika ghal Tas-Sliema, ghad-Distrett Numru 6.

Anthony Mifsud Tommasi li kellu l-kariga ta` Vici Kummissarju xehed li jaf lir-rikorrent. Dwar l-involviment tar-rikorrent fil-kaz tal-guri ta` Martin Gaffarena assista lill-Kummissarju Alfred Calleja fuq investigazzjoni ta` allegata frame up, kalumja, maghmula mill-pulizija ghad-danni ta` Martin Gaffarena. Semma li kienu jafu li PC Muscat dak iz-zmien kien il-forensika. Kien ghamel stqarrija mad-direttur tieghu Dr. Abela Medici u ma` Dr. George Cutajar l-avukat ta` Martin Gaffarena fejn allega li meta mar fuq bomba li kien hemm mal-ghassa tal-Imqabba ma haditx, ma sabx fingerprints xejn, il-lifter kien negattiv imbaghad fuq suggeriment tas-surgent tieghu qal li kien hemm il-lifters ta` Martin Gaffarena. Mar fuqha huwa ghax huwa kien Scene Of Crime Officer jew tal-laboratorju, u ezaminha ghall-fingerprints u kien negattiv l-ezami. Qalu li ma kienx hemm fingerprints fuq is-scene u allura meta kellmuh fl-investigazzjoni kellmuh bit-twissija u dana qalilhom l-istess storja li l-ezitu tieghu kien negattiv pero` fuq suggeriment ta Tarcisio Vella saru lifters ta` Martin Gaffarena biex stabbilita li kien hemm il-fingerprints ta` Martin Gaffarena u fil-fatt biex jissustanzja l-verita` pproduca, ghax kienu ghadhom fil-locker tieghu, l-original, il-lifters originali li fuq il-bomba tal-Imqabba ma kienx hemm fingerprints.

Huma ghamlu r-rapport taghhom u rrakkomandaw prosekuzzjoni kriminali kontra tieghu u kontra Vella. Gaffarena kien spicca ghadda guri u gie liberat.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li r-rikorrent kien scene of crime officer u fil-kaz ta' Gaffarena d-duty tieghu kien li jmur fuq il-bomba li ma sploditx fl-Imqabba biex jara fihiex fingerprints u ma sabx fingerprints. Imbaghad fuq suggeriment tas-surgent tieghu qalu li kien hemm fingerprints ta` Gaffarena. Ittiehdu lifters ta` Gaffarena minn x` imkien u tpoggew fuq il-bomba ghandi nifhem.

Wara gie trasferit minn dik is-sezzjoni. Issa r-rikorrent ilmenta dwar li tilef il-flus kawza tat-transfer.

Dan it-Tribunal ihossu meraviljat kif persuna tista' tkun daqshekk kuragguza li f'cirkostanzi bhal dawn titlob il-kumpens. Xogholu kien propju li jara hemmx fingerprints u wara dak li qal li ghamel, issa qieghed jippretendi kumpens. Certament ma haqqux. Jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.